MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 27/2002/1

**A B f' ismu proprju**
**u bhala kuratur ad litem tal-minuri C B**
**vs**
**D E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fit-22 ta' Awwissu, 2000, hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi esebit bhala Dokument A.

Peress illi minn dan iz-zwieg twieled tifel C li ghandu sentejn.

Peress illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba adulterju, eccessi, sevizzi, theddid u ingurji gravi da parti tal-konvenuta.

Peress illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali skond digriet tas-Sekond’ Awla datat 25 ta’ Ottubru 2001, li qed jigi esebit bhala Dokument B.

Tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tawtorizza s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u dan minhabba adulterju tal-konvenuta, eccessi, sevizzi, theddid u ingurji gravi da parti tal-konvenuta;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri C f’ idejn l-attur b’ access tal-konvenuta bil-limitazzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha opportun u dan minhabba n-Nazzjonalita’ tal-konvenuta;

3. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet taht l-Artikoli 48, sa 51 tal-Qorti Civili;

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f’ zewg porzjonijiet, mhux bilfors indaqs, li jigu assenjati liz-zewg partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet fuq menzjonati, okkorrendo bin-nomina ta’ periti nominandi;

5. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u tinnomina kuratur sabiex jirraprezenta l-kontumacja tal-konvenuta f’ kaz ta’ bzonn.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari, il-mertu ta' din il-kawza huwa identiku ghal dak ta' kawza ohra fl-ismijiet inversi bin-numru 1783/01 RCP, prezentata fl-14 ta' Novembru 2001, li tinsab differita ghal nhar l-4 ta' Dicembru 2002, u ghalhekk qieghed jigi eccepit il-*lis alibi pendens*;

2. Illi l-attur kien ben konxju tac-citazzjoni numru 1783/01, kif ser jirrizulta aktar il' quddiem. Ghalhekk la darba l-attur ghal xejn b' xejn ghazel li jiftah din il-kawza b' mertu identiku, b' dan illi dahhal lill-konvenuta fi spejjez zejda, dawn ghandhom jigu sopportati unikament minnu;

3. Illi fil-mertu, mhux minn li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, izda l-oppost, kif ser jigi ppruvat, u ghalhekk l-ewwel talba hija kontestata;

4. Illi l-attur ma jistax ihares l-interessi tal-minuri C, u certament huwa anqas kapaci mill-konvenuta f' dan ir-rigward, li fic-cirkostanzi hija ferm aktar adattata li taghmel dan, u ghalhekk it-tieni talba hija wkoll ikkontestata;

5. Illi mhux il-kaz li japplikaw is-sanzjonijiet tal-artikolu 48 u 51 tal-Kap 16, stante li ma gie kommess l-ebda adulterju, abbandun, jew eccessi, mohqrija, theddid jew offizi mill-konvenuta;

6. Illi jsegwi li x-xoljiment u tqassim tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti ghandu jsir b' mod ugwali bejniethom.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport tal-perit gudizzjarju l-Avukat Dottor Vincent Galea, minnu debitament mahluf;

Rat is-sentenza moghtija llum minn din il-Qorti fil-kawza [Cit.1783/01] fl-ismijiet inversi li titratta l-istess meritu tal-kawza odjerna;

Rat id-digriet[1] moghti fl-udjenza tas-6 ta' Gunju 2002, li permezz tieghu din il-Qorti ordnat li din il-kawza tinstema' kontestwalment mal-kawza precitata, b' mod li l-provi mismugha f' dik il-kawza jghoddu ghal kawza odjerna;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lit-tifel minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazjoni personali minn ma' martu l-konvenuta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali

Illi l-Qorti taghmel referenza shiha ghall-konsiderazzjonijiet taghha maghmula fis-sentenza fil-kawza numru 1783/01NC fl-ismijiet inversi, moghtija llum, u taddottahom fl-intier taghhom.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba;
[2] tilqa' t-tieni talba limitatament kif gja' deciz fil-kawza numru 1783/01;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tilqa' r-raba' talba fis-sens gja deciz fil-kawza precitata;
[5] tichad il-hames talba, stante li hija superfluwa.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Fol.60